

ADDENDUM GĦAS-SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦALL-PERSUNAL

KUNTRATTWALI

1. Fil-paġna 3, fit-Taqsima 2 “Dispożizzjonijiet bażiċi”, il-paragrafu (3) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(3) Il-kandidati jistgħu japplikaw għal profil wieħed jew aktar u/jew għal grupp ta’ funzjonijiet wieħed jew aktar, dejjem jekk jissodisfaw il-kriterji ta’ eliġibbiltà. Madankollu, kandidat jista’ jissottometti applikazzjoni waħda biss għal grupp ta’ funzjoni partikolari tal-istess profil.”

2. Fil-paġna 5, fit-Taqsima 4.3 “Applikazzjoni”, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(1) Din hija sejħa miftuħa għal Espressjoni ta’ interess, u **ma hemm l-ebda skadenza għall-applikazzjoni** sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fuq is-[sit webEPSO](#). Il-kandidati jistgħu japplikaw f’kull ħin għal kull profil jew grupp ta’ funzjonijiet li għalihom ikunu eliġibbli. Madankollu, kandidat jista’ jissottometti applikazzjoni waħda biss għal grupp ta’ funzjoni partikolari tal-istess profil. Il-kandidati jistgħu jerġgħu jifthi, jibdlu u jivvalidaw l-applikazzjoni(jiet) f’kull ħin.”

3. Fil-paġna 9, fit-Taqsima 7 “Skwalifika u esklużjoni temporanja” hija sostitwita b’dan li ġej:

“7. INVALIDAZZJONI TAS-SESSJONI TAL-ITTESTJAR U ESKLUŻJONI TEMPORANJA

- (1) Kandidat jiġi eskluż temporanjament mill-proċeduri ta’ selezzjoni tal-CAST Permanenti jekk:

- (a) Jagħmel dikjarazzjonijiet foloz jew mhux sostnuti;
- (b) Jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda għal grupp ta’ funzjoni partikolari tal-istess profil.

- (2) Kandidat ikollu s-sessjoni tal-ittestjar tiegħu invalidata jekk:

- (a) Jinvolvi ruħu f’qerq matul it-test;
- (b) Jonqos milli jikkonforma mal-istruzzjonijiet tal-ittestjar, meta tali struzzjonijiet jiddikjaraw b’mod espliċitu li n-nuqqas ta’ konformità jista’ jirriżulta fl-invalidazzjoni tas-sessjoni tal-ittestjar.

- (3) Għall-finijiet ta’ din is-Sejħa, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “Invalidazzjoni tas-sessjoni tal-ittestjar” tfisser li s-sessjoni titqies li ma tkunx saret, u li l-istatus tal-kandidat jerġa’ lura għal dak li kien jeżisti qabel il-lista qasira tiegħu mis-servizz ta’ reklutaġġ.
- (b) “Esklużjoni temporanja” tfisser li l-applikazzjonijiet tal-kandidat jiġu ssettjati għal status “mhux disponibbli” għal perjodu ta’ sena.

- (4) Il-kandidati għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE huma mistennija li jaġixxu bl-akbar integrità possibbli. Frodi jew tentattivi ta’ frodi jistgħu jesponu lill-kandidati għal pieni u jikkompromettu l-eliġibbiltà tagħhom.”